MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Talba Numru. 574/2003

**Joseph M. Anastasi**

**Vs**

**David Mifsud**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Marzu, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta' tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u zewg centezmi (Lm362.02) rappresentanti l-prezz ta' tyres mibjugha u konsenjati lill-konvenut fuq ordni tieghu stess.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali tal-21 ta' Jannar 2003 u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tas-17 ta’ Marzu 2004, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta’ tlett mija u tnejn u sittin lira Maltin u zewg centezmi (Lm362.02), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------